MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 41/2014

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi huma izzewgu f'Malta fid-29 ta' Gunju 1980 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li jisimhom L (25/10/1981) u M (6/1/1983);

Illi r-rikorrenti huma it-tnejn domiciljati f'Malta;

Iz-Zewgt itfal huma maggorenni u jahdmu full time;

Illi l-partijiet isseparaw de facto fis-sena elfejn u tnejn (2002) izda ipprocedew biex ghamlu l-kuntratt ta’ separazzjoni hafna snin wara u cioe’ fil-5 ta’ Dicembru 2013 in atti Nutar Margaret Heywood;

Illi ma hemmx kwistjonjiet ta’ manteniment bejniethom u lanqas hemm il-possibilita ta’ rikonciljazzjoni;

Illi iz-zewg partijiet qed jannettu affidavit in konferma tal-premess;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha sabiex tippronunzja id-divorzju u hall taz-zwieg taghhom u tordna li kopja tad-digriet relattiv jintbaghat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Marzu, 2014;

Rat l-affidavits bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment de facto separati mis-sena 2002 u legalment separati mill-5 ta’ Dicembru 2013

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------